

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-6 ta' Frar 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Dresden – il-Ġermanja) – hapeg dresden gmbh vs Bayrische Straße 6-8 GmbH & Co. KG

(Kawża C-137/18) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Direttiva 2006/123/KE – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi tariffa minima għall-onorarji tal-ingħiniera u tal-periti)

(2020/C 313/02)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Dresden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: hapeg dresden gmbh

Konvenuta: Bayrische Straße 6-8 GmbH & Co. KG

Dispożittiv

L-Artikolu 15(1), (2)(g) u (3) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tgħid li huwa pprojbit li jiġu stabbiliti, f'kuntratti konklużi ma' periti u ma' ingħiniera, tariffi iktar baxxi mill-ammonti minimi ddeterminati skont il-lista ta' onorarji tal-periti u tal-ingħiniera prevista minn din il-leġiżlazzjoni.

(¹) ĠU C 268, 30.7.2018.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-29 ta' Jannar 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Najwyższy – il-Polonja) – DŚ vs Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Jaśle

(Kawża C-522/18) (¹)

("Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2020/C 313/03)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Najwyższy